**7.00pm** Il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi tibda marċ mill-Pjazza San Duminku, tul triq Ġorġ Borg Olivier, San Vinċenz Ferreri, tal-Virtù u tilqa' l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Pawl fi Pjazza San Bastjan. Il-Banda tkompli l-marċ tul Triq il-Kulleġġ, fejn terġa' tilqa' l-Purċissjoni. Wara l-Banda tkompli tikkumpanja l-Purċissjoni fejn iddoqq innijiet sagri.

**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa Titulari ta' l-Appostlu Missierna San Pawl u r-Relikwa tad-driegħ ta' San Pawl immexxija mill-E.T. Mons Silvestru Magro, Isqof ta' Benghazi, mat-toroq: Il-Kulleġġ, San Bastjan, Ġorġ Borg Olivier, Konti Ruġġieru, Pjazza tal-Parroċċa, San Pawl, San Ġuużepp, Pjazza L'Isle Adam, Santu Wistin, Pjazza tas-Saqqajja, Triq il-Kbira, San Pawl sal-Pjazza tal-Parroċċa. Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni jinħaraq salut, kaxxa nfernali, baraxxi u wara murtaletti jakkumpanjaw il-purċissjoni.

**8.00pm** Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-ajru min taħt is-Saqqajja.

**9.00pm** Ħruq ta' murtali tal-kulur.

**10.15pm** Tinħaraq kaxxa infernali hekk kif l-istatwa tasal fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara ssir stqarrija tal-fidi u jitkanta l-innu ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

**11.00pm** Dħul ta' l-istatwa fil-Knisja fejn tindaqq l-antifona tingħata l-Barka Sagramentali u jitkanta l-Innu Malti.

### It-Tnejn, 14 ta' Lulju, 2008

***Dħul ta' l-Istatwa ta' San Pawl fin-Niċċa***

**6.30pm** Quddiesa ta' radd il-ħajr bil-mużika u wara d-dħul ta' l-Istatwa Titulari ta' San Pawl fin-Niċċa. Jieħdu sehem elementi mill-Banda Konti Ruġġieru u l-Kor tal-Parroċċa.

**8.00pm** BBQ fil-bitħa ta' l-Iskola Primarja *Pawlu Xuereb* b'riżq il-festi Esterni.

*In-Nar kollu ta' l-ajru u dak ta'l-art ġie maħdum mid-dilettanti Rabtin Pawlini fil-Kamra tan-Nar San Pawl Rabat.*

## Attivitajiet

**Il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju, 2008 Lejla Maltija**

8.00pm: Bidu għal-Lejla Maltija fuq iz-Zuntier tal-Parroċċa bis-sehem ta' diversi Kantanti Popolari Maltin. Ikun hekk ikel tradizzjonali Malti.

**Is-Sibt, 21 ta' Ġunju, 2008 Lejla Maltija**

8.00pm: Lejla Maltija fuq iz-Zuntier tal-Parroċċa bis-sehem ta' Kantanti Popolari Maltin. Ikun hemm ikel tradizzjonali Malti.

## Proġett tat-Trofej



Wara li fit-tieni ħarġa ta' dan il-fuljett ħabbarna li l-proġett magħżul mill-Kummissjoni Żgħażagħ Rabtin Pawlini għas-Sena Ċentinarju ta' l-2010 ser ikun dak ta' sett ta' 6 trofej ġodda għall-Pjazza tal-Parroċċa, illum qegħdin nippublikaw id-disinn magħżul mill-istess Kummissjoni u li fuqu diġà ngħata bidu għax-xogħol. Wara li dak id-disinn ġie approvat mill-Kumitat Festi Esterni u min Seduta Ġenerali tal-Kummissjoni Żgħażagħ Rabtin Pawlini, ġie mniedi għall-ewwel darba fil-pubbliku waqt riċeviment li sar għall-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, nhar id-9 ta' Frar li għadda, ġewwa s-sala tal-Każin San Pawl. Waqt dan l-istess riċevient ngħata bħala tifkira, nkwadru li juri l-istatwa titulari ta' l-Appostlu Missierna San Pawl lid-disinjatur is-Sur Alfredo Mangio u lill-mastrudaxxa, sid il-*Queen's Furniture*, is-Sur Joe Aquilina. Ta' min jirringrazzja lil dawk kollha li attendew għal dan ir-riċeviment u lil dawk kollha li taw il-kontribuzzjoni tagħhom li ammontat għal € 9976 (lm1444). Dawk kollha li jixtiequ jagħtu d-donazzjoni tagħhom b'riżq dan il-proġett jistgħu jagħmlu dan billi jikkuntattjaw lil membri taż-Żgħażagħ Rabtin Pawlini.

## Proġett tal-Bandalori għal Triq San Pawl



Matul il-festi ta' din is-sena sejrin jiżżanżnu sett ta' 4 bandalori fuq disinn tas-Sur Arthur Vassallo li ser jintramaw fi Triq San Pawl. Il-ħjata saret b'mod volontarju mis-Sinjura Vivian Sammut filwaqt li l-isfumar u l-pittura saret mis-Sur Joseph Mallia. Il-pitturi ser ikunu qegħdin juru benefatturi tal-Parroċċa tagħna. Dawn il-bandalori ġew mħallsa mill-familja Borg (ta' l-Arlecchin).

## Progett ta' Pavaljuni għal Triq il-Kbira

Din is-sena wkoll ser jiżżanżnu l-ewwel 3 minn sett ta' 8 pavaljuni ġodda għal Triq il-Kbira. Id-disinn ta' dawn il-pavaljuni huwa ta' Alan Scerri li ser jagħmel ukoll ix-xogħol ta' l-isfumar u pittura tagħhom filwaqt li l-ħjata ser issir minn Marcelle Scerri. Il-Kumitat Festi Eserni waqqaf kummissjoni apposta sabiex tikkordina x-xogħol għal dan il-proġett u tieħu ħsieb il-finanzjament tiegħu. Dawk kollha li jixtiequ jikkontribwixxu b'riżq dan il-proġett għandhom jirrilorru għand wieħed min dan il-membri: John Azzopardi, Peter Bonello, Jesmond Borg, jew Lawrence Bugeja.

# Ta' L-Ajkla

Ħarġa Nru 4
Mejju sa Awwissu 2008

NIĊĊELEBRAW FLIMKIEN FIR-RABAT
L-2000 SENA MIT-TWELID TA'

# SAWLU TA' TARSU PAWLU TA' MALTA

## 2008 - 2009




SENA PAWLINA SKOND IX-XEWQA TAL-QT IL-PAPA BENEDITTU XVI

**Il-Kolleġjata u Proto Parroċċa ta' San Pawl flimkien mal-poplu Rabti ser jiċċelebraw flimkien dan l-avveniment storiku li jfakkar l-2000 sena mit-twelid ta' l-Appostlu tal-Ġnus, Missier il-Maltin u Patrun tar-Rabat.**

# Programm tal-Festa Solenni ta' Corpus Domini 2008

### Il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2008
*Ftuħ tal-Festi*

**6.30pm** Quddiesa tal-ftuħ tal-festi u wara ikla bejn il-helpers u l-ħbieb tal-festa. Jieħdu sehem il-grupp Tiberija (Familja). Kulħadd għandu jattendi.

### Il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju, 2008
*Festa ta' San Ġorġ Preca*

**6.30pm** Quddiesa organizzzata mis-Soċjetà tal-Mużew fil-Parroċċa.

### Il-Ħadd, 18 ta' Mejju, 2008
*Festa ta' Trinità Mqaddsa*

**9.00am** Quddiesa ta' l-ewwel tqarbina għat-tfal subien u bniet tal-parroċċa.

### It-Tlieta, 20 ta' Mejju, 2008
*Ġimgħa tal-Festa*

**7.30pm** Ċelebrazzjoni Ewkartistika organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Parrokkjali.

### L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa 21, 22 23 ta' Mejju, 2008
*Jiem ta' Tridu*

**8.30am** Quddiesa bi ħsieb qasir fuq l-Ewkaristija. Wara tibda esposizzjoni Ewkaritsa sal-quddiesa ta' filgħoxija.

**9.30am** Laqgħa Ewkaristika għat-tfal ta' l-iskola.

**6.15pm** Quddiesa kantata bl-għasar, bis-sehem tal-Kor Parrokkjali. Predikatur tat-Tridu: Mons Pawl Vella. Innu tat-Tridu, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**8.00pm** Wara l-barka jkun hemm ħruq ta' murtaletti.

**8.30pm** Festa Familja fuq iz-zuntier tal-Knisja. Ikun hemm Kantanti Popolari Maltin, u ikel tradizzjonali Malti.

### Is-Sibt, 24 ta' Mejju, 2008
*Lejlet il-Festa*

**8.30am** Quddiesa bil-kant tat-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla.

**9.00am** Ħruq ta' Kaxxa spanjola u murtaletti.

**4.30pm** Quddiesa.

**7.30pm** Għasar Solenni, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**8.15pm** Il-Banda Ċittadina u Popolari Konti Ruġġieru tallegra t-toroq: Pjazza San Bastjan, Ġorġ Borg Olivier, Il-Kulleġġ, Santa Marija, San Publiju, Konti Ruġġieru, San Franġisk u L-Kbira, b'sett ta' marċi Brijużi. Il-Banda takkumpanja l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża (li ser jinġarr fuq l-ispalla) mill-Każin San Pawl sal-pjazza tal-Parroċċa fejn tassisti għat-tlugħ tagħha fuq il-pedestall.

**10.00pm** Spettaklu ta' logħob tan-nar ta' l-ajru.

**11.00pm** Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art fuq iz-Zuntier tal-parroċċa.

### Il-Ħadd, 25 ta' Mejju, 2008
*Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej*

**7.30am** Quddiesa għall-benefatturi ħajjin u mejtin.

**9.00am** Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Grotta u l-Kleru tal-Parroċċa. Purċissjoni Solenni bis-Ssmu. Sagrament b'waqfa fil-Knisja ta' San Franġisk.

**10.00am** Il-Banda Ċittadina u Popolari Konti Ruġġieru ddoqq Innijiet Sagri waqt il-ħruġ u takkumpanja l-Purċissjoni, b'innijiet sagri.

**10.30am** Murtali u Murtaletti jakkumpanjaw il-Proċessjoni.

**5.45pm** Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons Pawl Cremona OP, Arċisqof Metropolita ta' Malta. Wara Purċissjoni Solenni bis-Ssmu. Sagrament, b'waqfiet fil-Knejjes ta' Santa Marija ta' Ġesù u San Mark. Fil-pjazza tal-Parroċċa jsir waqfa ta' talb u wara nidħlu fil-knisja fejn issir Ċelebrazzjoni Ewkaristika u tingħata l-barka Sagramentali.

**6.00pm** Il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta tibda marċ minn Triq San Franġisk sal-Pjazza tal-Parroċċa, fejn tilqa' l-ħruġ tal-Purċissjoni. Wara tesegwixxi programm mużikali fuq il-palk prinċipali.

**7.15pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar tilqa' l-Purċissjoni fi Triq San Pawl, ħdejn l-Ark Trijonfali u wara takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet sagri.
Wara d-dħul tal-Purċissjoni, l-istess Banda tagħmel marċ brijuż mill-Pjazza sal-Każin San Pawl.

**8.00pm** Murtali murtaletti jakkumpanjaw il-purċissjoni.



# Festi f'ġieħ il-Martirju ta' l-Appstlu Missierna San Pawl

## Ftuħ tal-Festi Bimillenarji mit-Twelid ta' l-Appostlu Missierna San Pawl 2008 – 2009

### Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju, 2008

**2.30pm** Isir pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ, imexxi minn Mons. Ġwann Azzopardi.

### Il-Ħadd, 29 ta' Ġunju, 2008
*Ftuħ tas-Sena Pawlina*

**9.00am** Translazzjoni solenni tar-Relikwa ta' San Pietru u San Pawl mill-Katidral ta' l-Imdina għall-Knisja Kollegjata u Proto Parroċċa ta' San Pawl.
Imexxi l-purċissjoni l-Kapitlu Metropolitan.

**6.00pm** Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus ta' Malta, flimkien mal-Kapiltu u l-Kleru tal-Parroċċa.
Wara l-quddiesa jsir it-tberik tat-tapit ta' l-Artal Maġġur li ġie r-restawrat u s-sett tal-kandlieri tal-Fidda u Salib tal-Prima li saru ġodda biex jintużaw fl-artal Maġġur waqt il-festa ta' San Pawl Missierna. Dawn il-Kandlieri u s-Salib ġew ġentilment mgħotija mis-Sinjur u s-Sinjura Paul u Angelo Borg li joqgħodu f'Michigan, USA. Wara t-tberik, isir diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur Reno Bugeja.
Jieħdu sehem elemnet mill-Banda Konti Ruġġieru.

### It-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2008
*Ħruġ ta' l-Istatwa ta' San Pawl min-Niċċa*

**6.30pm** Quddiesa tal-Komunità Parrokkjali.
Il-Banda Ċittandina u Popolari Konti Ruġġieru tallegra t-toroq. Dingli, Ħal Bajjada, Sant'Agata, San Katald, Bir ir-Riebu, Emanuel Vitale, Santa Rita, Pjazza tal-Parroċċa, b'sett ta' marċi brijuż. Fil-Pjazza tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa min-niċċa b'daqq ta' l-innijiet. Wara l-banda tkompli l-marċ sal-Każin San Pawl.

**8.15pm** Ħruġ ta' l-Istatwa Titulari ta' l-Appostlu Missierna San Pawl min-niċċa. Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ħruq ta' murtaletti u kaxxa spanjola.

### It-Tlieta, 1 ta' Lulju, 2008
*Jum iż-Żgħażagħ*

**6.30pm** Quddiesa animata miż-Żgħażagħ Rabtin Pawlini, bil-parteċipazzjoni tal-gruppi Tiberia *Familja* u Tberia Youths. Il-Quddiesa ser issir fil-Pjazza tal-Parroċċa.

### L-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2008
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6.15pm** Quddiesa kantata bl-għasar bis-sehem tal-Kor Parrokkjali. Predikatur Patri Ġiġi Sapiano OP., Kappillan ta' Ġesù Nazzareno, Sliema. Kurunella, Innu tat-Tridu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**8.00pm** Wara l-barka jkun hemm ħruq ta' murtaletti.

**8.30pm** Il-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta tibda marċ minn u tgħaddi minn dawn it-toroq: Mons. G. Depiro, Ħobbejża, Bir r-riebu, Emanuel Vitale, Santa Barbara, Pierre Muscat u jispiċċa fi triq Pawlu Inquanez, fejn isir Spettaklu Umoristiku.
Ħruq ta' Murtaletti u logħob tan-nar jinħarqu waqt il-marċ.

### Il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju, 2008
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**6.15pm** Quddiesa kantata bl-għasar bis-sehem tal-Kor Parrokkjali. Predikatur Patri Ġiġi Sapiano OP., Kappillan ta' Ġesù Nazzareno, Sliema. Innu tat-Tridu u ċelebrazzjoni Ewkaristika Barka Sagramentali.

**8.00pm** Wara l-Barka jkun hemm ħruq ta' murtaletti.

**8.30pm** Marċ qasir mill-banda Ċittandina u Popolari Konti Ruġġieru u wara tagħmel programm fil-Pjazza tal-Parroċċa, bis-sehem ta' kantanti Popolari. Dan il-programm huwa mtella' mill-Kumitat Festi Esterni u l-Każin San Pawl Banda Konti Ruġġieru.

**9.00pm** Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-ajru.

**11.30pm** Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art fuq iz-Zuntier tal-Parroċċa.

### Is-Sibt, 5 ta' Lulju, 2008
*Lejlet il-Festa*

**8.30am** Quddiesa bil-kant tat-Te Deum, bħala ringrazzjament lil Alla.
Ħruq ta' murtaletti u kaxxa Spanjola.

**4.30pm** Quddiesa tal-komunità Parrokkjali.

**6.30pm** Quddiesa tal-Kumunità Parrokkjali.

**7.15pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' l-Appostlu Missierna San Pawl mill-Knisja ta' San Bastjan għall-Parroċċa mmexxija minn E.T. Adeodato Micallef OCD., Isqof Emeritus tal-Kuwait. Għasar Solenni, Salve Reġina, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Bark Sagramentali.

**7.15pm** Ħruq ta' salut, kaxxa spanjola, u murtaletti jakkumpanjaw il-Purċissjoni.

**9.00pm** Il-Banda Ċittandina u Popolari Konti Ruġġieru tallegra t-toroq: Cosmana Navarra, Pjazza San Franġisk, il-Kbira, San Pawl u l-Pjazza tal-Parroċċa. Matul il-marċ, il-Banda takkumpanja l-Istatwa ta' Missierna San Pawl li ser jintrefa fuq l-ispalla u tassisti għat-tlugħ tagħa fuq il-pedestall, bid-daqq ta' l-innijiet.

**9.30pm** Spettaklu ta' logħob tan-nar ta'l-ajru.

**11.00pm** Kaxxa nfernali tal-kulur.

**11.30pm** Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art fuq iz-zuntier tal-Parroċċa.

### Il-Ħadd, 6 ta' Lulju, 2008
*Jum il-Festa tal-Martirju Glorjuż ta' l-Appostlu Missierna San Pawl*

**6.00pm** Quddiesa tal-Komunità Parrokkjali

**7.30am** Quddiesa għall-Benefatturi ħajjin u Mejtin.

**9.00am** Quddiesa Pontifikali mmexxija mill-E.T. Silvestru Magro OFM., Isqof ta' Benghazi bis-sehem tal-Kapitlu Pawlu u l-Kleru tal-Parroċċa. Paniġierku minn Patri Pawl Galea OFM.

**10.30am** Il-Banda Konti Ruġġieru tallegra t-toroq: Virtù Kulleġġ, Pjazza tal-Parroċċa, San Pawl u triq il-Kbira sal-Każin San Pawl, fost il-briju u kant ta' l-innijiet mir-Rabtin Pawlini.

**6.00pm** Quddiesa Kantata bl-Għasar.

**7.00pm** Il-Banda Nazionale La Vallette tibda ddoqq fuq il-planċier fejn tilqa' l-Ħruġ u d-dħul tal-Purċissjoni.